**12 ta' Mejju, 1950.**

**Imhallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Chev. Antonio Cassar Torreggiani, O.B.E., ne.**

***versus***

**Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.**

**Taxxa fuq is-Suċċessjonijiet u Donazzjonijiet — Donazzjoni — Kollazzjoni — Liġijiet Fiskali — Retroattività — Kap. 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta, art. 51 para. "b" — Ordinanza XXVIII ta' l-1937 — Att VII ta' l-1948.**

*Skond l-istat tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq is-Suċċessjonijiet u d-Donazzjonijiet, kif kien taht l-emenda li saritilha bl-Ordinanza XXVIII ta' l-1937, meta donazzjoni tkun saret u t-taxxa relativa tkun thallset fil-mument tat-trasmissjoni tal-proprjetà u fi żmien sena qabel il-mewt tad-donanti, dik id-donazzjoni kienet eżenti mill-kollazzjoni fl-assi ta' dak id-donanti ghall-finijiet tal-kalkolu tat-taxxa pagabbli fuq dak l-assi.*

*L-Att VII ta' l-1948 emenda dak l-istat tal-liġi fis-sens illi, biex ikun hemm dik l-eżenzjoni, it-taxxa fuq id-donazzjoni trid tkun thallset iżjed minn ghaxar snin, u mhux sena, qabel il-mewt tad-donanti.*

*Il-liġijiet fiskali huma suġġetti ghall-prinċipju tan-non-retroattività bhalma huma l-liġijiet komuni, u japplikaw ruhhom u jiżvolġu l-effikaċja taghhom ghall-attijiet u trasferimenti li jsiru waqt li dawk il-liġijiet ikunu attivi. L-attijiet u trasferimenti huma regolati mill-liġi li tahtha jkunu ġew kompjuti; imma jekk ikunu mibdija taht il-liġi antika u jestendu ruhhom taht il-liġi ġdida, jiġu regolati minn din ta' l-ahhar. U meta dawk l-attijiet u trasferimenti jkunu ġew kompjuti taht il-liġi antika b'mod li minnhom ikun inholoq dritt kwesit veru u proprju, dak id-dritt ghandu effikaċja fih innifsu li jirreżisti ghall-applikazzjoni tal-liġi, anki fiskali, ġdida, f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri.*

*Fil-każ preżenti, b'applikazzjoni ta' dak li hawn fuq espost, donazzjonijiet li kienu saru meta kienet ghadha ssehh l-emenda introdotta bl-Ord. XXVIII ta' l-1937, li fuqhom kienet thallset it-taxxa malli saret it-trasmissjoni u d-donanti baqa' haj ghal aktar minn sena wara l-hlas ta' dik it-taxxa, u dan kollu ġara qabel ma ġie promulgat l-Att VII ta' l-1948, ġew dikjarati eżenti mill-kollazzjoni*

*fl-assi ta' dak id-donanti għall-finijiet tal-kalkolu ta' l-imposta dovuta fuq dak l-assi*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, wara li qalu li fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' l-mejjet John Cassar Torreggiani, li miet fit-3 ta' April 1949, magħmula bl-avviż numru 1052 fit-28 ta' April 1949 (dok. A), il-konvenut inkluda "ex officio" seba' donazzjonijiet tal-valur komplessiv ta' £2720. 12. 6, magħmulin mid-decujus bejn it-3 ta' April 1939 u l-24 ta' Frar 1947, li fuqhom kienet ġiet imħallsa t-taxxa iżjed minn sena qabel il-mewt tad-decujus (dok. B) u iżjed minn sena qabel ma ġie promulgat l-Att VII ta' l-1948, u għalhekk il-beni hekk donati ġew eżenti mill-futura aggregazzjoni fl-assi tad-decujus skond il-liġi allura vigenti XXVIII/1937; u li l-konvenut, non ostanti l-oppożizzjoni ta' l-atturi, insista li ssir l-aggregazzjoni tal-beni donati, u ġiet minnu likwidata t-taxxa fuq l-ammont komplessiv ta' l-assi biż-żieda tad-donazzjonijiet in kwistjoni, b'mod li l-atturi ħallsu (bir-riżerva, aċċettata mill-konvenut, li jikkontestaw il-likwidazzjoni tat-taxxa—dok. C) indebitament is-somma ta' £1613. 4. 0; wara li ppremettew in speċje d-dikjarazzjoni li s-sezzjoni 5 ta' l-Att VII ta' l-1948 mhix applikabili għad-donazzjonijiet li saru taħt l-Ordinanza XXVIII ta' l-1937, u li fuqhom kienet imħallsa l-imposta tad-donazzjoni iżjed minn sena qabel il-mewt tad-donanti u iżjed minn sena qabel id-data tal-promulgazzjoni ta' l-istess Att VII ta' l-1948; talbu :- 1. Li l-beni donati minn John Cassar Torreggiani u elenkati fid-dokument "C" jiġu dikjarati eżenti minn aggregazzjoni fl-assi tal-wirt tad-decujus għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-imposta tas-suċċessjoni : 2. Li tiġi konsegwentement korretta l-likwidazzjoni magħmula mill-konvenut, billi tiġi likwidata fuq il-valur ta' l-assi kif denunzjata mill-attur Antonio Cassar Torreggiani nomine, mingħajr l-aġġunta magħmula "ex officio" mill-konvenut, u hekk tiġi likwidata fuq il-valur ta' £59.427. 9. 0, flok fuq £62.148. 1. 6; 3. Li l-konvenut jiġi kundannat jirrifondi lill-atturi s-somma ta' £1613. 4. 0, jew altru ammont verjuri, anki akbar, minnhom indebitament imħallsa, bl-imgħax tal-5% fis-sena mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' Jannar 1950, li biha ġie dikjarat li s-sezzjoni 5 ta' l-Att VII ta' l-1948 mhix applikabili għad-donazzjonijiet li saru bejn l-10 ta' Ġunju 1942 u t-18 ta 'Jannar 1947, u li ġiet imħallsa t-taxxa fuqhom ordnata u mposta bil-Kap. 70 kif kien qabel l-emenda ta' l-Att VII ta' l-1948, aktar minn sena qabel il-mewt tad-decujus u mill-promulgazzjoni ta' l-istess liġi, in kwantokkè b'dak il-fatt akkwiżitiv sorġa dritt kweżit fl-atturi donatarji; bil-konsegwenza li laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat li dawk l-istess donazzjonijiet għandhom ikunu esklużi mill-aggregazzjoni fl-assi tad-decujus, li miet wara l-promulgazzjoni ta' l-aħħar emenda msemmija; u t-tieninett ordnat il-korrezzjoni tal-likwidazzjoni magħmula mill-konvenut nomine, billi l-istess tiġi likwidata fuq il-valur ta' £59,427. 9. 0, bl-esklużjoni tal-valur tad-donazzjonijiet imsemmija; u fl-aħħarnett ikkundannat lill-konvenut nomine jirrifondi lill-atturi s-somma ta' £1654. 6. 0, kif likwidata fil-prospett "A" hemm anness, bl-imgħax legali mill-jum tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut nomine; wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni odjerna, kif jista' jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, tirraġġira ruħha fuq jekk is-sezzjoni 5 ta' l-Att VII tas-sena 1948 hijiex jew le applikabili għad-donazzjonijiet li saru taħt l-Ordinanza XXVIII tas-sena 1937, u li fuqhom kienet ġiet imħallsa t-taxxa tad-donazzjonijiet iżjed minn sena qabel il-mewt tad-donanti, b'mod li skond din l-aħħar liġi dawk l-istess donazzjonijiet kienu ġew eżentati mill-"collatio bonorum" fil-mewt tad-decujus, kif ukoll aktar minn sena qabel id-data tal-promulgazzjoni ta' l-Att numru VII ta' l-1948; il-għaliex it-talbiet prinċipali huma dipendenti mid-deċiżjoni ta' dik id-dikjarazzjoni partikulari u speċjali;

Illi dawn huma l-fatti li taw lok għall-kwistjoni tal-lum. Il-kummerċjant John Cassar Torreggiani, fil-perijodu bejn it-8 ta' April 1939 u l-24 ta' Frar 1947, għamel seba' donazzjonijiet lill-uliedu, li fuqhom u dwarhom ġiet imħallsa regolarment id-"Donation Duty" (dok. B); u l-aħħar "duty" fuq l-aħħar donazzjoni, tat-18 ta' Jannar 1947, tħallset fl-24 ta' Frar 1947, u ċjoè iżjed minn sena qabel ma ġie nieqes għal dejjem l-imsemmi kummerċjant John Cassar Torreggiani, li miet,

kif mbux kontestat, fit-13 ta' April 1949, kif ukoll iżjed minn sena qabel ma giet promulgata l-liġi bl-Att numru VII tas-sena 1948, li ħareġ u sar operattiv fit-18 ta' Marzu 1948;

Qabel l-Att nru. VII ta' l-1948, il-liġi li kienet tirregola l-materja in diskussjoni kienet l-Ord. nru. XXVIII ta' l-1937, emendanti l-Ord. XVIII ta' l-1918, u magħha inkorporata. Meta saret id-denunzja ta' l-imsemmi Cassar Torreggiani fuq il-mewt tiegħu, b'avviż numru 1052 fit-28 ta' April 1949 (dok. A), il-konvenut nomine "ex officio", non ostanti l-protesti ta' l-atturi proprio et nomine, inkluda s-seba' donazzjonijiet fuq imsemmija, tal-valur komplessiv ta' £2720. 12. 6, u giet minnu likwidata t-taxxa fuq l-assi tad-decujus, li fih daħħal ukoll il-valur ta' dawk l-istess donazzjonijiet; u l-atturi ħallsu, bi protesta u b'riżerva mħabba fl-inklużjoni fuq imsemmija, is-somma addizzjonali u finali ta' £1613. 4. 0. B'kollox ħallsu £14,340. 16. 11 bħala taxxa, skond il-bażi tal-liġi fuq imsemmija, u ġew il-quddiem bil-kawża preżenti;

Illi fil-25 ta' Settembru 1918 (Proklama nru. XVII ta' l-1918, Gazzetta tal-Gvern 6090 tal-25 ta' Settembru 1918), giet maħruġa "The Succession and Donation Duties Ordinance 1918" (Ordinanza numru XVIII ta' l-1918), b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1918 skond l-artikolu 48 ta' dik l-istess Ordinanza, u li fuqha l-Gvern fil-15 ta' April 1919 ippubblika "summary" relattivament għas-sezzjonijiet rigwardanti d-denunzji tas-suċċessjonijiet, legati u donazzjonijiet li kellhom, u għandhom, fil-quddiem jiġu preżentati lit-Teżorerija, li kienet allura inkarikata mill-amministrazzjoni ta' dik il-liġi;

Illi skond il-liġi (art. 2 sub-inċiż 4), "The duties imposed by this Ordinance shall apply to any transmission of the ownership, usufruct, use or enjoyment of any property, movable or immovable, or of any other real or personal right, whether passing on death or conferred under gift by any "inter vivos" disposition. Subject to the provisions of this Ordinance, the duties imposed by the same shall be likewise chargeable upon : ..........Omissis. ........ (4) any property subject to aggregation in the "collatio bonorum" according to law, to the extent of the contributable value of such property, notwithstanding any dispensation therefrom granted by the donor in a dona-

tion made on or after the first day of January 1918, or in a will taking effect on or after such date";

Illi bl-art. 50 subinċiż (b) tal-liġi fuq imsemmija kien jingħad li :— "For the purposes of this Ordinance, and subject to the provisions contained therein, the expression 'devolution of property upon death' includes :— ............Omissis..........
(b) the aggregation of any property subject according to law to the "collatio bonorum" within the meaning of subclause 4 of article 2, except where the person liable for the duty has paid the duties imposed by this Ordinance on the transmission to him of the property subject to such aggregation, if the transmission has taken place after the date specified in article 48", u ċjoè mill-1 ta' Jannar 1918;

Illi fl-20 ta' Awissu 1937 ħarġet l-Ordinanza XXVIII ta' l-1937, biex temenda l-Ordinanza ta' l-1918 dwar it-Taxxa fuq is-Suċċessjoni u d-Donazzjoni; u bl-artikolu 5 issostitwiet is-subinċiż (b) ta' l-artikolu 50 tal-liġi prinċipali, billi ddisponiet li "subclause (b) of article 50 of the principal Ordinance is repealed and the following is substituted therefor :— (b) "The aggregation of any property subject according to law to the "collatio bonorum" within the meaning of subclause 4 of article 2, except where the person liable for duty has paid the duties imposed by this Ordinance on the transmission to him of the property subject to such aggregation not less than one year before the death of the decujus, provided that, when such duties have been paid within the last year, they shall be allowed as a deduction from the estate duty";

Illi r-"Revised Edition of the Statute Laws of Malta", li ġiet inforzata fl-4 ta' Frar 1946 bil-Proklama numru I ta' l-1946 (Gazzetta tal-Gvern nru. 9399 tat-18 ta' Jannar 1946), barra milli alterat in-numerazzjoni ta' l-artikoli, ħalliet il-liġi fis-sustanza tad-dispożizzjonijiet kif kienet oriġinarjament bl-emenda lilha apportata bl-Ordinanza XXVIII ta' l-1937; b'mod li għall-artikoli li jinteressaw din il-kawża, l-artikolu 2 subsezzjoni 4 sar sezzjoni 4 subsezzjoni 1 ittra (d), u l-artikolu 50 subinċiż (b) sar sezzjoni 51 paragrafu (b), u l-liġi ġiet imdaħħla taħt il-Kapitolu 70;

Illi b'Att numru VII ta' l-1948, li ħareġ fit-18 ta' Marzu 1948, bħala "An Act to amend the Succession and Donation

Duties Ordinance'', saret l-emenda tas-sezzjoni 51 paragrafu (b) tal-Kapitolu 70, bis-sezzjoni 5 li ddisponiet li ''the words 'one year' in paragraph (b) of section 51 of the principal law are hereby cancelled, and the words 'ten years' are, in such case, substituted therefor'', apparti emendi obra;

Illi wara li ġew esposti l-varji fażijiet tal-liġi in diskussjoni, u li jinteressaw il-kwistjoni odjerna, it-teżi ta' l-atturi tiġi aktar klarifikata. Infatti huma jsostnu li meta rapport ġuridiku javvera ruħu taħt liġi allura viġenti, li tkun taħt ċerti kondizzjonijiet tistabbilixxi fatt ġuridiku li għalih teżentah minn taxxa. u dawk l-istess kondizzjonijiet ikunu ottemperati, dak il-fatt u konsegwenti eżenzjoni jsiru dritt kweżit, u kwalunkwe liġi sussegwenti li tkun alterat dawk il-kondizzjonijiet, billi tkun irrendiethom aktar gravi, ma tistax, in forza tal-prinċipji li jirregolaw id-dritt transitorju, ikollha effikaċja fuq dak l-istess rapport ġuridiku, mingħajr ma tkun tikkontempla dak l-effett retroattiv b'dispożizzjoni speċjali u ''ad hoc''. In termini partikulari mbagħad, it-teżi attriċi tista' tiġi riassunta f'dan li sejjer jingħad :— Skond l-ordinanza XXVIII ta' l-1937, sezzjoni 5, huma eżenti minn taxxa donazzjonijiet li d-decujus għamel taħt dik il-liġi, il-għaliex dawk l-istess donazzjonijiet ma humiex, skond l-istess liġi, kollazzjonabili, in kwantokkè t-taxxa fuqhom ġiet imħallsa mal-passaġġ tal-proprjetà mhux anqas minn sena qabel ma ġie nieqes għall-ħajjin l-istess decujus. u la darba r-rapport intagħlaq. id-donatarji għandhom dritt kweżit li jkunu eżenti mill-kollazzjoni għall-finijiet tat-taxxa ''de quo''. li ebda liġi posterjuri li tkun tikkontempla l-istess fatt ġuridiku b'kondizzjonijiet aktar gravi, bla dispożizzjoni speċjali ta' indoli retroattiva, jew b'mod ċar u mhux ekwivoku, ma tista' terġa' tiftaħ mill-ġdid;

Illi l-oppożizzjoni tal-konvenut nomine hija li l-liġi ''de quo dicimus'' tikkunsidra l-kollazzjoni tal-beni donati bħala ħaġa distinta u separata mill-istess donazzjoni u. oltre li tolqot l-istess donazzjoni, espliċitament u separatament tintakka l-konferimenti li jsiru bħala konsegwenza ta' din id-donazzjoni, u konsegwentement it-taxxa li għandha tirregola l-kollazzjonijiet għandha tkun mhux dik viġenti għall-epoka tad-donazzjoni, iżda dik li tkun effikaċi fil-jum meta l-istess kollazzjoni tkun trid issir u tiġi magħmula: u jekk huwa hekk, it-taxxa

eżatta kienet dik li ġiet imposta mil-liġi in kors fl-epoka talmewt tad-decujus;

Illi mhix kwistjoni li l-liġi "de quo dicimus" fis-sezzjoni 3 u 4 (d) tikkontempla separatament u distintament rispettivament id-donazzjonijiet u l-proprjetà kollazzjonabili skond il-liġi komuni; imma l-ewwel sezzjoni msemmija hija ta' indoli ġenerali u ta' estensjoni kbira u komprensiva, u fl-istess ħin tikkomprendi anki donazzjonijiet li ma jkunux jidħlu jew li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istitut li huma marbuta miegħu l-kollazzjonijiet, mentri t-tieni sezzjoni ċitata tikkontempla passaġġi in forza ta' istituti naxxenti minn rapporti ġuridiċi partikulari. Fil-każ in diżamina, fil-ħsieb tal-Qorti, huwa ta' importanza li jiġi eżaminat ir-rapport ġuridiku partikulari, u ċjoè ta' donazzjoni li hija fl-istess ħin normalment (u li ma jkunx hemm dwarha eżenzjoni eċċezzjonali skond il-liġi komuni) kollazzjonabili fil-konfronti u in relazzjoni tiegħu u mal-liġi fiskali "de quo" li tikkontempla l-każ, indipendentement mill-fatt jekk skond il-liġi normali d-donatarju ġiex jew le eżentat middonanti dwar il-kollazzjoni tagħha;

Illi meta ġudikant jew interpreti jiġi biex japplika l-liġi għall-każ prattiku, l-ewwel tfittxija u indaġini li għandha ssir minnhom hija dik li jaraw liema liġi għandha tiġi applikata; u din in-neċessità tidher aktar ċara speċjalment meta liġi ġdida tiġi attivata u magħmula effikaċi dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mill-liġi anterjuri. Dan aktar u aktar joħrog ċar meta jiġi kunsidrat meta l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkominċjament tagħhom taħt l-imperu tal-liġi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruħhom, f'din l-aħħar ipotesi (mhux fl-ewwel waħda tal-fatt kompjut), taħt il-liġi l-ġdida;

Illi l-liġi tagħna, a differenza ta' liġijiet oħra (ara, fost oħrajn, il-Kodiċi delle Due Sicilie, l-art. 2, Tinelli, Legislazione e Giurisprudenza per il Regno delle Due Sicilie, Vol. I, pag. 33, Napoli 1830); u Giordano, Leggi Civili, Vol. I, pag. 15, Napoli 1848; u fost l-aktar moderni l-Kodiċi Ċivili Taljan ta' l-1865, art. 2, u French Civil Code art. 2, Cachard-Stevens & Sons Ltd., 1895), ma tikkontjenix ebda titolu preliminari, fejn f'dawk il-kodiċijiet huma kontemplati dispożizzjonijiet dwar il-

pubblikazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligijiet in partikulari, u fejn fil-ligijiet kontinentali imsemmija jinghad :— "the law can only make provision for the future; it has no retroactive effect"; ghalkemm l-hawn u l-hemm, fil-korp tal-ligijiet statutarji taghhom, u jinghad incidentalment anki f'taghna, jinsabu dispożizzjonijiet ta' indoli retroattiva. Ghal dana s-skiet tal-legislatur taghna dawna l-Qrati dejjem ipprovdew billi applikaw il-principji ġenerali tad-dritt, meta ġew biex jaqtghu kwistjonijiet skond il-liġi komuni li treġġi l-pajjiż ghar-rapporti privati tal-konsoċjati, u li huma l-istess prinċipji li fil-kodiċijiet kontinentali fuq imsemmija ġew sanzjonati b'dispożizzjonijiet partikulari u "ad hoc";

Huwa minnu li fi Franza, fejn id-dritt amministrativ kellu evoluzzjoni kbira, intqal, u ġie sostnut u deċiż mill-qrati, li l-prinċipju tan-non-retroattività mhux applikabili ghall-liġijiet fiskali, u li dwarhom—salv dak li ma jkunx hemm dispożizzjonijiet kuntrarji—sew jekk l-attijiet jew it-trasferimenti jkunu kompjuti taht l-imperu tal-liġi viġenti, sew jekk ikollhom lok taht l-imperu ta' liġi anterjuri, ghandha jkollha dejjem imperu l-liġi in vigore li tkun effikaċi; imma dik it-teorija, virilment impunjata mid-dottrina, ġiet pruvata erronea, u ġiet adottata dik tan-non-retroattività, kif intqal aktar il-fuq, li hija aktar konformi ghall-veri prinċipji; u l-awtoritajiet amministrativi allura, f'dan il-pajjiż, bdew biex jirrispettaw dina t-teorija ġdida, li ghadhom jirrispettaw sal-lum b'xi modifikazzjonijiet dwar l-attijiet soġġetti ghar-reġistru—li ma jinteressawx il-każ preżenti — ghalkemm żammitha ferma dwar it-traslazzjoni u mutazzjoni ta' drittijiet (ara Dalloz, Repertoire, Volume 21, Vuċi "Enregistrement", pagini 76-70, paragrafi 138-146, Paris 1849). Infatti, tant kien unanimu l-kunsens ta' l-awturi franċiżi in materja, li l-istess teorija nvadiet anki l-awtorità tal-pajjiżi konfinanti; b'mod li l-Clementini, fl-opra tieghu "Sulle tasse di registro", jghid :— "Il principio che le leggi non hanno effetto retroattivo, quantunque si trovi scritto solamente, così in Francia, come presso noi, nel Codice Civile, non è un principio particolare e proprio solamente delle leggi civili, ma è un principio universale comune alle leggi tutte di qualunque ordine sieno. Esso è uno di quei principi di ragion naturale che non hanno mestieri di essere espressamen-

te sanciti per aver forza; esso è insito nella natura stessa delle leggi, sicchè non vi può essere legge che non lo porti virtualmente in sè stessa. Non si potrebbe dunque fare a questo riguardo una eccezione per le leggi gabellarie, senza togliere loro l'essere di leggi" (Leggi sulle tasse di registro, Vol. II, Titolo VII, pag. 793, par. 2; ara wkoll Angelo Olivieri, Monografia Della Retroattività delle Leggi, Digesto Italiano, Volume 20, Parte II, pag. 120, par. 237);

Il-Gabba, biex jibqa' fidil mal-prinċipji regolanti l-iżvolġiment tad-dritt transitorju tal-leġislazzjonijiet moderni, li huwa jabbraċċja, u ċjoè għall-prinċipju li "la vera ragione ed il vero limite della retroattività delle leggi consistono unicamente nel rispetto dei diritti acquisiti", jesprimi l-opinjoni, meta jitkellem fuq il-liġijiet reali improprji, li fihom jidħlu u jdaħħal dawk l-istess liġijiet fiskali u li jirregolaw it-taxxi u l-imposti, li :— "Del pari, le leggi in materia di servizio militare, e di tasse e imposte, si applicano immediatamente; nè per essere un individuo nato, un affare stato conchiuso, e un interesse qualunque stato posto in essere, prima dell'attuazione di quelle leggi, può allegarsi diritto quesito a prestare il servizio militare, o a pagare una tassa o imposta ai termini delle leggi anteriori. Semprecchè, s'intende bene, la legge anteriore non fosse stata applicata o non fosse ancora venuto il tempo di applicare alle persone e agli affari o interessi di che si tratti, prima che le leggi nuove entrassero in vigore. Importa quindi moltissimo lo stabilire il punto di tempo nel quale una legge, sia intorno al servizio militare, sia in materia di tasse, applichisi ai cittadini o agli averi loro, onde conciliare colla immediata applicazione di essa il rispetto ai veri e propri diritti quesiti di cui la legge medesima nell'applicazione diventa occasione" (ara Vol. III, pag. 200, Retroattività delle Leggi, Torino 1897). Minn fejn titnissel, argumentativament, li jekk il-liġi anterjuri ma tkunx ġiet applikata, jew ma jkunx wasal iż-żmien għall-applikazzjoni tagħha, u fl-istess ħin tkun ħarġet liġi ġdida li taffetta diversament u aktar gravement il-fatt li sar taħt il-liġi preċedenti, jekk ma jkunx hemm veru u proprju dritt kweżit fil-persuna effettata, għandha jkollha setgħa l-liġi l-ġdida; u "a contrariis", jekk ikun jeżisti dak id-dritt kweżit, għandu jipprevali l-imperu tal-liġi preċedenti (ara fl-

istess sens il-Vitta, Monografia della Retroattività delle Leggi Amministrative, Giur. Italiana, 1909, Vol. IV. 152);

Illi minn dana jitnisslu, loġikament u naturalment, dawna l-konsegwenzi neċessarji :— 1. Li l-liġijiet fiskali huma suġġetti bħal-liġi komuni għall-prinċipju tan-non-reroattività; 2. *Li l-istess liġijiet fiskali japplikaw ruħhom u għandhom setgħa* u effikaċja għall-attijiet u trasferimenti li jsiru waqt li huma attivi; 3. Li bħala konsegwenza ulterjuri tat-tieni prinċipju fuq menzjonat, għall-attijiet u għat-trasferimenti li jkunu saru taħt il-liġi antika jew preċedenti għall-ġdida *l-istess huma* retti mill-liġi li taħthom ikunu ġà kompjuti; 4. Li l-attijiet mibdija taħt il-liġi antika li jestendu ruħhom taħt il-ġdida għandhom ikunu imperati minn dina l-aħħar liġi; 5. Li fejn ikun jeżisti veru u proprju dritt kweżit kompjut taħt *il-liġi* antecedenti, dana għandu effikaċja fih innifsu li jirreżisti għall-applikazzjoni tal-liġi, anki fiskali, ġdida, f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri;

Illi però, dawna l-prinċipji ma humiex assoluti, inkwantokkè jistgħu jsibu eċċezzjoni u limitazzjoni fil-każijiet kollha fejn il-liġi espressament tiddisponi diversament, kif huwa loġiku u naturali, għalkemm l-iskritturi *tad-dritt filosofiku* jikkontrastaw jekk u sa liema pont jikkompeti lill-leġislaturi dan id-dritt jew dina l-fakoltà li jirregolaw l-imgħoddi jew il-passat; *imma liġi preventiva, sija jekk tkun ġusta kemm jekk tkun* inġusta. hija obligatorja tant għall-konsoċjati li jkunu soġġetti għaliha kemm għal dawk li għandhom japplikawha:

Illi jekk huwa veru li t-terminu "dritt kweżit" huwa terminu li għandu sinifikat ġenerali, u li in ġenerali fih jikkomprendi tant id-drittijiet li jkunu ġew ikkunsmati kemm dawk li jkunu ġew akkwistati, imma li ma jkunux għadhom ġew effettwati u kkunsmati, mill-banda l-oħra huwa mhux anqas minnu li *fir-rispetti ta'*-teorija tar-retroattività dak it-terminu proprjament jikkomprendi biss l-aħħar sinifikat fuq imsemmi (ara Gabba, opera ċitata, Vol. I, pag. 35 u 190-191). Ir-raġuni ta' dana tinsab radikata fl-istess loġika ġuridika; *il-għaliex meta* r-rapport ġuridiku jiġi per sè kkunsmat, l-oġġett tad-dritt ma jkunx aktar jeżisti fl-individwalità tiegħu, u jiġi konfuż fil-patrimonju u jsir materja li ma tistax tiġi segwita fl-ulterjuri trasformazzjonijiet tagħha. U *del resto*, l-istess raġuni ġuridi-

ka u loġika turi u tgħallem lill-bnedmin li huwa assurd ġuridiku tikkunsidra bħala ħaġa li ma tkunx ġrat dak li jkun fil-fatt ġara, jew ħaġa li tkun materjalment ġrat bħala ħaġa li ma tkunx ġrat; u in konsegwenza, di fronti għall-fattijiet jew rapporti ġuridiċi kkunsmati, ir-retroattività hija mpossibili, u t-teorija "de quo diċimus" proprjament ma taffettahomx non ostanti li huma in ġenerali jidħlu taħt it-terminu ġeneriku ta' drittijiet kweżiti. Jingħad però li huma wkoll drittijiet kweżiti dawk li huma l-konsegwenza ta' fatt li jkun kapaċi jipproduċihom in forza tal-liġi li tkun timpera fl-epoka meta jsiru, għalkemm l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tad-dritt ma tippreżentax ruħha qabel l attwazzjoni ta' liġi ġdida dwaru, purkè skond il-liġi anterjuri li taħt l-impern tagħha jkun sar il-fatt li minnha jsorġi u joriġina d dritt, dak l-istess dritt ikun immedjatament daħal fil patrimonju tal-persuna li tkun akkwistatu (ara Gabba, opera ċitata, pag. 191, Vol. I);

Illi minn dan li ntqal jitnissel li, sew jekk id-dritt kweżit ikun kompjut, sew jekk ikun l-oriġini ta' fatt li jkun ġara taħt il-liġi preċedenti, u d-dritt skond dik il-liġi jkun perfett u kompjut, u fl-istess ħin ikun daħal fil-patrimonju ta' min jirreklamah, u l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu tippreżenta ruħha taħt il-liġi l-ġdida, fl-ewwel ipotesi l-għaliex ir-retroattività hija mpossibili u assurda, u fit-tieni ipotesi l-għaliex l-istess dritt ikun perfett taħt il-liġi antika qabel ma nħolqot l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu taħt il-liġi ġdida, l-istess għandu jiġi rispettat, u l-liġi ġdida ma għandhiex, skond il-principji elementari tal-ġustizzja u l-ekwità, ikollha setgħa fuqu;

Illi huwa wkoll kanoni fondamentali ta' kwalunkwe liġi pożittiva, sostnut mid-dottrina, illi d-drittijiet kweżiti ma għandhomx jiġu qatt preżunti aboliti, ammenokkè l-leġislatur ma jkunx wera ċar dina l-intenzjoni, u dina l-intenzjoni tkun tidher ċara jew mill-kliem testwali ta' l-istess liġi, jew minn xi dispożizzjonijiet partikulari f'dak is-sens (ara Weber, ċitat mill-Gabba, nota I, pag. 152, Vol. I);

Illi huwa minnu li skond il-liġi ċivili (art. 954, Kap. 23 L.L. ta' Malta) it-tfal jew dixxendenti, meta ma jkunux ġew eżentati, huma obligati għall-kollazzjoni ta' dak kollu li jkunu ħadu b'donazzjoni minn għand id-decujus, direttament jew indirettament, favur ta' tfal jew dixxendenti oħra, kif ukoll li

s-aućċessjonijiet huma regolati mill-liġi li jkollha imperu meta jiġi nieqes id-decujus: mma huwa wkoll minnu li l-liġi fiskali tagħna "de quo agitur", fil-fażi preċedenti għal dika imperanti l-lum, bis-sezzjoni 5 ta' l-Ordinanza XXVIII ta' l-1937, kienet għall-finijiet fiskali ntroduċiet modifika għall-liġi komuni, billi stabbiliet fl-eċċezzjoni apposta illi ma tkunx kollazzjonabili għall-"estate duty" dik il-proprjetà li skond il-liġi hija soġġetta għall-"collatio bonorum", jekk (1) il-persuna li hija obligata tħallas it-taxxa fuq il-proprjetà trasmessa, li tkun kollazzjonabili, tkun ħalsitha malli ssir it-trasmissjoni tal-proprjetà lilha, u (2) dana l-ħlas tat-taxxa jkun sar mhux anqas minn sena qabel il-mewt tad-decujus. Ma hemmx bżonn jingħad li mentri l-"collatio bonorum" skond il-liġi komuni hija radikata fuq il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-volontà tal-mejjet li jkun irid jigwalja t-tfal u d-dixxendenti tiegħu, il-modifika miġjuba 'l quddiem bl-eċċezzjoni limitata fil-liġi fiskali in parola hija bażata fuq il-ġustizzja u ekwità li ħadd ma għandu jħallas darbtejn gabbella għall-istess trasmissjoni—prinċipju ta' kwalunkwe liġi fiskali, u li huwa anki mill-liġi tagħna rikonoxxut (ara sez. 51 (b), Kap. 70, fl-aħħar ipotesi);

Illi minn dana jitnissel li bil-fatt tal-ħlas tat-taxxa, akkoppjat u alleat ma' l-avveniment l-iehor tal-mewt tad-decujus aktar minn sena wara dak il-ħlas, il-fatt akkwiżitiv sorġa, twieled, u nħoloq fl-atturi donatarji d-dritt li ma jistax jingħad li baqa' fl-isfera ta' sempliċi possibilità; il-għaliex dawk il-fattijiet, determinatament konfigurati mill-istess liġi, ħolqu fihom id-dritt li jaraw u jimponu li ma tidħolx fil-kollazzjoni dik il-proprjetà trasmessa lilhom, qabel il-mewt, mid-decujus fl-assi patrimonjali tiegħu għall-finijiet ta' l-"estate duty". Dak id-dritt, kwindi, obbjettivament kunsidrat, ġie, bil-fatti akkwiżitivi msemmija, subbjettivament konkretizzat u daħal fil-patrimonju tad-donatarji. Il-liġi posterjuri (Att VII ta' l-1948 sez 5), meta mmodifikat il-konfigurazzjoni minnha preċedentement kontemplata, ma qaletx li l-fattijiet preċedenti kompjuti kellhom jibqgħu bla effikaċja, jew b'xi mod ġew annullati jew aboliti; u lanqas jista' jingħad li dina l-interpretazzjoni tirrendi l-liġi l-gdida ineffikaċi, il-għaliex huwa ndubitat li l-effett tagħha fil-futur jibqa' sovran;

Minn dana li ntqal fuq jidher ukoll ċar kemm hija nieqsa mis-saħħa, għalkemm "prima facie" tidher ta' qawwa insormontabili, l-osservazzjoni li l-liġi mperanti fil-waqt talmewt tad-decujus għandha jkollha setgħa għall-finijiet tal-kollazzjonijiet, u kwindi għandu jiġi kunsidrat il-mument meta l-kollazzjoni kellha ssir; il-għaliex kien l-istess leġislatur li ried, taħt determinati konfigurazzjonijiet ta' fatti li minnhom ħoloq dritt, li, għall-finijiet fiskali, jirregola qabel il-fatt talmewt tad-decujus dik l-istess kollazzjoni "ex nunc propter tunc"; u kwindi, fl-assenza ta' negazzjoni assoluta ta' dak li kien ħoloq bħala dritt—il-għaliex in-negazzjoni preżunta hija kontra r-raġuni tal-liġi—huwa ma jistax jilmenta li sejra ssir eċċezzjoni għar-regola li l-liġi imperanti fil-jum tal-mewt taddecujus skond id-dritt għandha timpera dwar il-kollazzjonijiet. Id-dritt tad-donatarji in parola twieled taħt il-liġi anterjuri—"omnino regitur constitutione ex quo jus oritur"—u mhux malmewt tad-donanti, u mill-liġi ġdida li taħtha dak il-fatt li minnu nizel id-dritt ma kellux l-ebda attivazzjoni biex ikun perfett, il-għaliex il-kompletazzjoni tiegħu kienet avverat ruħha qabel l-istess liġi ġdida. Fi ftit kliem, il-modifikazzjonijiet apportati bil-liġi l-ġdida għall-konfigurazzjoni determinata setgħu jalteraw id-dritt akkwistat mid-donatarji f'din il-kawża li t-trasmissjonijiet ta' proprjetà ma jkunux kollazzjonati in forza tal-liġi preċedenti? Għal din il-mistoqsija ma jistax ikun hemm, skond il-ġjus u l-ekwità, ħlief risposta negativa;

Illi meta fil-Kap. 70 sezzjoni 4 (d) il-liġi semmiet, fost ittrasferimenti taxxabili, anki l-proprjetà soġġetta għall-kollazzjoni, hija ssubordinat dawk it-trasferimenti kollha għad-dispożizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza, li fihom indubbjament jidħol id-dispost 51 (b) bl-eċċezzjoni mseinmija, u bil-fehma li jekk it-taxxa tkun tħallset għat-trasmissjoni u d-decujus donanti ma jgħix sena wara dak il-ħlas, l-istess taxxa tkun imnaqqsa mit-taxxa fuq l-assi, il-għaliex l-eżenzjoni tal-kollazzjoni ma tkunx seħħet—dak li jikkonferma meta l-fatt li kien jagħti lok għad-dritt mill-istess leġislatur jiġi kunsidrat komplet u kompjut;

Illi kwindi, fil-ħsieb tal-Qorti, id-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi hija meritevoli li tkun milqugħa, kif ukoll id-domandi jew talbiet konsegwenzjali;

Illi 1-kwar l-aħħar talba, l-ammont dovut bħala rifużjoni huwa dak li jitnissel mill-likwidazzjoni magħmula skond prospett "A" anness ma' dik is-sentenza biex jiġi reġistrat magħha u jifforma parti integrali ta' l-istess deċiżjoni, u li jammonta għal £1654. 6. 0.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż għar-rigett tad-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża jinsabu b'mod ċar elenkati fis-sentenza appellata, fejn ukoll huma miġjubin id-dispożizzjonijiet tal-liġi li għandhom x'jaqsmu mal-każ in eżami, kif kienu fil-bidu meta daħlet in vigore l-Ordinanza XVIII ta' l-1918 u kif ġew posterjorment emendati bl-Ordinanza nru. XXVIII ta' l-1937 u bl-Att nru. VII ta' l-1948. Ma hemmx għalfejn, għalhekk, li dawk il-fatti u dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi jiġu ripetuti, u huwa biżżejjed li ssir, kif fil-fatt qiegħda ssir, riferenza għalihom;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi appellati qegħdin jibbażaw id-domandi tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-art. 51 tat-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70), kif kien qabel ma ġiet introdotta l-emenda li saret għal dik id-dispożizzjoni bl-Att nru. VII ta' l-1948. Huma jsostnu li la darba ħallsu t-taxxa kif stabbilita mill-liġi, u la darba għaddiet iżjed minn sena mill-ħlas ta' dik it-taxxa u mill-passaġġ tal-proprjetà favur tagħhom u qabel il-mewt tad-decujus, u dana kollu ġara qabel ma daħlet in vigore l-emenda ntrodotta bl-imsemmi Att nru. VII ta' l-1948, huma għandhom favur tagħhom dritt kwesit li jkunu eżenti mill-kollazzjoni għall-finijiet tat-taxxa in kwistjoni. Isostnu wkoll li dak id-dritt kweżit minnhom akkwistat ma ġie bl-ebda mod preġudikat bil-liġi posterjuri (Att VII ta' l-1948), billi din ma fiha ebda dispożizzjoni ta' indoli retroattiva, jew dispożizzjonijiet oħra li b'mod ċar u mhux ekwivoku setgħu jolqtu dak id-dritt kweżit akkampat. L-appellant nomine, mill-banda l-oħra, isostni li skond il-liġi l-kol-

lazzjoni tal-beni donati hija kunsidrata bħala ħaġa distinta u separata mill-istess donazzjoni, u barra mid-donazzjoni tolqot separatament il-konferimenti konsegwenzjali għaliha. Għalhekk, jgħid l-appellant nomine, it-taxxa li għandha tirregola l-kollazzjonijiet għandha tkun dik viġenti fil-mewt tad-decujus, billi allura għandhom isiru dawk il-kollazzjonijiet, u mhux dik in vigore fl-epoka li tkun saret id-donazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi d-donazzjonijiet kollha li jiffurmaw meritu ta' din il-kawża saru meta kienet isseħħ l-imsemmija dispożizzjoni ta l-art. 51, kif emendata bl-Ord. XXVIII ta' l-1937. Fuq hekk ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti; u anqas hemm kwistjoni li t-taxxa relativi ġew regolarment imħallsin, u d-donanti għex iżjed minn sena wara li ġew imħallsin dawk it-taxxi, u qabel ma daħlet in vigore l-emenda magħmula lill-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi bl-Att VII ta' l-1948. Għalhekk kienu jinsabu adempjuti l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa mill-liġi viġenti għall-eżenzjoni mill-futura aggregazzjoni, għall-fini tat-taxxa, tad-donazzjonijiet fuq imsemmija. Dak l-adempiment sar qabel ma bdiet isseħħ l-emenda introdotta bl-imsemmi Att nru. VII ta' l-1948, li għalhekk ma seta' jkollha ebda effett fuq negozju ġuridiku ġà magħluq u perfett;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie rilevat mill-Ewwel Qorti, apparti d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar il-kollazzjonijiet u l-liġi li għandha tirregolahom, huwa fatt ċert u nkontrastat li l-liġi tagħna dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, kif kienet tinsab kif emendata bis-sezzjoni 5 ta' l-Ord. Nru. XXVIII ta' l-1937, qabel ma ġiet emendata bl-Att nru. VII ta' l-1948, introduċiet għall-fini;iet fiskali modifika għall-liġi komuni, billi l-eċċezzjoni ntrodotta bl-imsemmija sezzjoni 5 ta' l-Ord. XXVIII ta' l-1937 stabbiliet li ma tkunx soġġetta għall-kollazzjoni għall-"estate duty" dik il-proprjetà li skond il-liġi hija hekk soġġetta jekk ikunu ikkonkorrew iż-żewġ kondizzjonijiet hemm stabbiliti. Dawk il-kondizzjonijiet huma li l-persuna obbligata li tħallas it-taxxa fuq it-trasferiment lilha magħmul, ta' proprjetà kollazzjonabiti, tkun ħallset dik it-taxxa malli saritilha t-trasmissjoni tal-proprjetà, u li dak il-ħlas tat-taxxa jkun sar mhux anqas minn sena qabel il-mewt tad-decujus. Kif ġà

ngħad fuq, fil-każ in eżami dawk il-kondizzjonijiet kienu jissussistu u avveraw ruħhom qabel ma giet introdotta l-emenda bl-imsemmi Att nru. VII ta' l-1948;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza dwar il-principji tad-dritt transitorju żvolti fis-sentenza appellata, u tadotta l konsegwenzi li in bażi għal dawk il-prinċipji waslet għalihom. Dawk il-konsegwenzi huma :— 1. Li l-liġijiet fiskali, bħala liġijiet komuni, huma soġġetti għall-prinċipji tan-non-retroattività; 2. Li l-istess liġijiet fiskali japplikaw ruħhom u jiżvolġu l-effikaċja tagħhom għall-attijiet u trasferimenti li jsiru waqt li huma attivi; 3. Li l-attijiet u trasferimenti huma regolati mill-liġi li taħtha jkunu kompjuti; 4. Li l-attijiet mibdija taħt il-liġi antika u li jestendu ruħhom taħt il-ġdida għandhom jiġu regolati minn din ta' l-aħħar; 5. Li meta jkun jeżisti veru u proprju dritt kweżit kompjut taħt il-liġi antecedenti, dak id-dritt għandu effikaċja fih innifsu li jirreżisti għall-applikazzjoni tal-liġi, anki fiskali, ġdida, f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell tal-konvenut nomine ma jistax jiġi milqugħ u s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata ;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-25 ta' Jannar 1950; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine appellant.